MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2005

Numru. 620/2005

PULIZIJA
SPETTUR RAYMOND AQUILINA
SPETTUR PAUL CARUANA
VS
OMISSIS

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat omossis, ta' omissis, bin omissis, imwieled omissis, u joqghod omissis, u dententur tal-karta tal-identita' numru omissis, u akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fil-1 t'April 2005, u fix-xhur ta' qabel din id-data, bhala cittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, kellu fil-pussess tieghu ritratt, film, video recording jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn, liema reat hu aggravat fil-fatt li xi whud minn dawn ir-ritratti, films, video recordings jew xbihat elettronici indicenti juru persuni taht l-eta' li ma kinux ghalqu d-disa' snin.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-ammissjoni tal-imputat ta' nhar it-23 ta' Settembru 2005

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat Artikli 208A (1)(3) u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal seba' xhur prigunerija sospizi ghal sentejn. In oltre, tqieghed lill-imputat taht 'supervision suspended sentence', ai termini tal-Artiklu 28G tal-Kap 9, taht is-supervizjoni ta' 'probation officer' li jigi nominat mid-Direttur tal-Probation Services.

Il-Qorti fl-ghoti tal-piena, hadet in konsiderazzjoni l-analizi tal-psikologa Dr Roberta Holland, il-fatt li l-imputat huwa 'a first offender', flimkien mar-realta' illi l-agir tal-imputat huwa precizament dak li johloq id**-'demand'** ghal pornografija ta' tfal.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------